Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,609, 16 ta' April, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XVII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar Vittmi tal-Kriminalità, Kap. 539.

ACT No. XVII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Victims of Crime Act, Cap. 539.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

16 ta' April, 2021

ATT Nru XVII tal-2021

ATT biex jemenda l-Att dwar Vittmi tal-Kriminalità, Kap. 539.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar Vittmi tal-Kriminalità u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Vittmi tal-Kriminalità, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 539.

2. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

"(4) Matul investigazzjonijiet kriminali:

(a) intervisti tal-vittmi għandhom isiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li jkun sar l-ilment fir-rigward tar-reat kriminali lill-Pulizija Eżekuttiva;

(b) l-għadd ta' intervisti mal-vittmi jkun limitat kemm jista' jkun u l-intervisti jsiru biss fejn strettament meħtieġ għall-iskopijiet tal-investigazzjonijiet kriminali;

(ċ) vittmi jistgħu jiġu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom u minn persuna li jagħżlu huma stess, sakemm il-vittmi ma jkunux irrifjutaw din ir-rappreżentanza, b'mod espliċitu u bil-miktub, jew ma tkunx ittieħdet deċiżjoni motivata għall-kuntrarju mill-Uffiċjali tal-Pulizija li jkunu qegħdin jinvestigaw, fejn huma jkunu tal-opinjoni li l-persuna magħżula tista' toħloq kunflitt ta' interess fl-investigazzjoni;

(d) eżamijiet mediċi jinżammu għall-minimu u jitwettqu biss meta jkunu strettament meħtieġa għall-iskop tal-proċedimenti kriminali.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (7) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Il-qorti għandha tivvaluta jekk il-vittmi jeħtiġux interpretazzjoni jew traduzzjoni kif provdut taħt is-subartikoli (1) u (2). Il-vittmi jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni tal-qorti li ma jiġux ipprovduti interpretazzjoni jew traduzzjoni.".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 10 tal-Att priniċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Dritt għal rimborż ta' spejjeż. L.S. 9.12.

10A. Bla ħsara għar-Regolamenti dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità, il-vittmi li jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali għandu jkollhom il-possibbiltà li jiġu rimborżati għall-ispejjeż li jkunu ġarrbu b'riżultat tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom fi proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tagħhom fil-proċedimenti kriminali rilevanti. Il-kondizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li bihom il-vittmi jistgħu jiġu rimborżati għandhom jiġu determinati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

Dritt għall-protezzjoni tal-privatezza.

10B. Il-Ministeru jew kwalunkwe entità jew aġenzija oħra li l-Ministru jista' jaħtar għal dak l-għan għandhom jieħdu matul il-proċedimenti kriminali miżuri xierqa biex jipproteġu l-privatezza, inklużi karatteristiċi personali tal-vittma meqjusa fil-valutazzjoni individwali kif provdut taħt l-artikolu 12, u xbihat tal-vittmi u tal-membri tal-familja tagħhom.".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

5. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Meta vittma tkun residenti ta' Stat Membru li ma jkunx Malta, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tieħu dikjarazzjoni

mingħand il-vittma immedjatament wara li jsir l-ilment dwar ir-reat kriminali.

(4) Meta vittma tkun residenti ta' Stat Membru li ma jkunx Malta, il-vittma għandha tirrikorri sa fejn ikun possibbli għad-dispożizzjonijiet dwar vidjokonferenzi u konferenzi telefoniċi stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Mejju 2000 (1) bl-għan li jinstemgħu vittmi li jkunu residenti barra mill-pajjiż.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"12. Il-Ministeru jew kull entità jew aġenzija oħra li l-Ministru jista' jaħtar għal dan l-għan għandu jipprovdi:

(a) biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu valutazzjoni individwali u f'waqtha, skont dan l-Att, u biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali f'dan l-Att minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom. Il-vittma tista' titlob li tiġi intervistata minn persuna tal-istess sess;

(b) għall-valutazzjoni individwali u f'waqtha tal-vittmi li jkunu sofrew minn reati severi, inklużi reati mwettqin bi preġudizzju jew bi skop diskriminatorju li jistgħu b'mod partikolari jkunu relatati mal-karatteristiċi partikolari tagħhom, u tal-vittmi li r-relazzjoni tagħhom ma' u d-dipendenza tagħhom fuq l-awtur ta' ksur jagħmluhom partikolarment vulnerabbli bħal:

(i) minorenni;

(ii) vittmi tat-terroriżmu;

(iii) vittmi tal-kriminalità organizzata;

(iv) vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

(v) vittmi ta' vjolenza abbażi tas-sess;

(vi) vittmi ta' vjolenza f'relazzjoni mill-qrib;

(vii) vittmi ta' vjolenza sesswali;

(viii) vittmi ta' sfruttament jew atti kriminali ta' mibegħda; u

(ix) vittmi b'diżabbiltajiet:

Iżda l-valutazzjoni individwali għandha, b'mod partikolari, tqis il-karatteristiċi personali tal-vittma, it-tip jew in-natura tal-att kriminali u ċ-ċirkostanzi tal-att kriminali;

(ċ) servizzi ta' appoġġ għall-vittmi li għandhom, tal-anqas, jipprovdu:

(i) informazzjoni, parir u appoġġ rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi inkluż dwar l-aċċess għal skemi nazzjonali ta' kumpens għal danni ta' reat kriminali, u dwar ir-rwol tagħhom fil-proċedimenti kriminali inkluż fit-tħejjija għall-attendenza fil-proċess;

(ii) informazzjoni dwar jew referenza diretta għal kwalunke servizz ta' appoġġ rilevanti fis-seħħ;

(iii) appoġġ emottiv u, fejn disponibbli, psikoloġiku;

(iv) parir marbut ma' kwistjonijiet finanzjarji u prattiċi li jqumu mill-att kriminali;

(v) sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor minn servizzi pubbliċi jew privati, parir relatat mar-riskju u l-prevenzjoni ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni;

(vi) kura medika skont is-sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali sakemm din il-kura tkun meħtieġa;

(vii) miżuri ta' protezzjoni, b'attenzjoni partikolari għar-riskju ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni u l-ħtieġa li jiġu protetti d-dinjità u l-integrità fiżika, inkluż waqt l-interrogazzjoni u meta jagħtu x-xhieda tagħhom;

(viii) kenn jew kwalunkwe akkomodazzjoni temporanja adatta għal vittmi li għandhom bżonn post sikur minħabba riskju imminenti ta' vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni; u

(ix) appoġġ immirat u integrat għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, bħal vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tas-sess u vittmi ta' vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, inklużi appoġġ fi trawma u konsultazzjoni;

(d) għall-involviment mill-qrib tal-vittma fit-twettiq ta' valutazzjonijiet individwali li għandhom iqisu x-xewqat tal-vittmi dwar jekk ma jkunux jixtiequ jibbenefikaw mill-miżuri speċjali provduti f'dan l-Att;

(e) għall-aġġornament tal-elementi li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali matul il-proċedimenti kriminali.".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

7. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Meta l-vittma tkun minorenni, hi għandha titqies li għandha ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni minħabba l-vulnerabbiltà tagħha għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, għal intimidazzjoni u għal ritaljazzjoni. Biex jiġi stabbilit jekk u sa liema punt huma jibbenefikaw minn miżuri speċjali kif provdut taħt dan l-Att, it-tfal vittmi għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni individwali kif provdut fl-artikolu 12.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 14A tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Dritt għall-protezzjoni ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni waqt il-proċedimenti kriminali. Kap. 164.

14B. (1) Mingħajr preġudizzju għal-*locus standi* u drittijiet tal-parti leża, għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Pulizija u għad-drittijiet tad-difiża u skont id-diskrezzjoni ġudizzjarja, vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni li jibbenefikaw minn miżuri speċjali identifikati bħala riżultat ta' valutazzjoni individwali kif provdut fl-artikolu 12 jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri provduti f'dan l-Att. Miżura speċjali prevista wara l-valutazzjoni individwali m'għandhiex tkun disponibbli jekk restrizzjonijiet operazzjonali jew prattiċi jagħmlu dan impossibbli, jew fejn ikun hemm ħtieġa urġenti li tiġi interrogata l-vittma u jekk dan ma jsirx tkun tista' ssir ħsara lill-vittma jew persuna oħra jew tista' tippreġudika l-kors tal-proċedimenti.

(2) Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu disponibbli matul l-investigazzjonijiet kriminali għal vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni identifikati skont l-artikolu 12:

(a) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa f'binjiet imfasslin jew addattati għal dak l-iskop;

(b) interrogazzjonijiet mal-vittma jiġu mwettqa minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak l-iskop;

(ċ) l-intervisti kollha tal-vittma jitwettqu mill-istess persuni sakemm dan ma jmurx kontra l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja;

(d) l-intervisti kollha mal-vittmi ta' vjolenza sesswali, vjolenza abbażi tas-sess jew vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, sakemm ma jsirux minn prosekutur jew persuna li tippresjedi l-Qorti, isiru minn persuna tal-istess sess bħall-vittma, jekk il-vittma tkun tixtieq hekk:

Iżda l-kors tal-proċedimenti kriminali ma jiġix ippreġudikat.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 447 tat-13 ta' April, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati